TAL-PIETA`

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 05

L-Erbgha, 6 ta' Novembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri Colin Bowman, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 04 li saret nhar l-Erbgha, 2 t' Ottubru, 2024, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* Ma kienx hemm Hwejjeg li Jirrizultaw mill-Minuti.

## 4 QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-OCT 24

*4.1* Tressaq quddiem il-Kunsill il-Quarterly Financial Report ghal perjodu Jan-Oct 24. Is-Segretarju Ezekuttiv ta' spjega ta' dan ir-rapport. Gie nnuttat il-fatt li n-net current assets tal-Kunsill sal-ahhar ta' Ottubru kien €15,285.

Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku, ppropona li dan id-dokument jigi approvat. (Appendici A) Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

## 5 KORRISPONDENZA

*5.1* Is-Sindku rcieva ittra minghand is-Sur Edrick Grech dwar suggett li kien qed jigi mressaq fil-Kunsill mill-Kunsillier Grech dwar il-parkegg ta' vetturi u tpoggija ta' dghajsa fil-genb tal-ground li tidhol ghalih minn Triq Joe Gasan. Wara li qara din l-ittra, is-Sindku qal li f'dan il-post minn dejjem kienu jipparkjaw. L-istess qal il-Vici Sindku. Is-Sindku fakkar li jkun tajjeb li jigi segwit dak li hemm fil-Ligi tal-Kunsilli Lokali

*5.2* Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien ghadu kif ircieva minghand il-GHRC li l-Kunsill kien mistieden ghal *walkabout* li kienet ser issir 'l ghada mill-Ministru Miriam Dalli u l-GHRC.

*5.3* Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li t-tender tal-cafeteria ta' Pjazza San Luqa kien gie ppublikat.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*6.1* ***Dawl tal-Milied***: Is-Sindku informa li r-Regjun kien se jaghti fondi ghal dan il-ghan lill-Kunsilli, izda l-ammont kien se jinghata fil-laqgha li jmiss;

***6.2*** ***Party tal-Milied ghat-tfal***: Is-Sindku informa li bhal ma sar is-sena l-ohra, ser jerga' jsir il-party tat-tfal ghal Milied mill-Kummissjoni Tfal u Zaghzagh flimkien mal-Kunsill Lokali. Jinghata wkoll goody bag lit-tfal li jattendu.

Il-Kunsillier Grech staqsa jekk jekk jigux mistiedna wkoll it-tfal tal-creche`. Is-Sindku qal li ser ikellem lis-soru .

***6.3*** ***Laqghat mal-Pulizija***: Is-Sindku qal li qed ikollu laqghat frekwenti mal-Pulizija u qed jigu diskussi l-problemi fil-lokal fosthom il-problemi relatati mad-detox.

***6.4*** ***Stediniet***: Is-Sindku informa li l-Kunsill kien mistieden ghal quddiesa fit-30 ta' Novembru u li ssir ghal nies li gew nieqsa u li kienu membri tal-ghaqdiet. Il-Kunsill hu mistieden ukoll ghall-attivita` tar-Regjun Lvant Virtual Malta u li ser issir fi Blackley Bakery;

***6.5*** ***Zvilupp fi Triq Santa Monika***: Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar zvilupp li kien qed jigi propost mal-PA fi Triq Santa Monika faccata tal-Knisja. Ir-residenti kienu talbu li l-Kunsill jiltaqa' mas-Supretendent tal-Cultural Heritage dwar dan izda mil-laqgha irrizulta li ma tantx kien hemm ghajnuna. Ghalhekk kienet saret ukoll laqgha mal-PA dwar dan il-permess. Ghal dawn il-laqghat, il-Kunsill kien assistit mill-Perit Edward Said li hu resident fi Triq Hookham Frere. F'din il-laqgha, ic-Chairman tal-PA issuggerixxa lill-Kunsill sabiex jigi propost li tigi estiza l-Urban Conservation Area ta' Tal-Pieta` u b'hekk jigu inkluzi wkoll il-bini 'l isfel mill-Knisja u l-bini tal-faccata tal-Knisja fi Triq Santa Monika bejn Triq id-Duluri u Triq Hookham. Dwar dan is-Sindku ppropona li tintbghat ittra lil kull dar li se jkunu affetwati fi Triq Santa Monika flimkien ma' gustifikazzjoni mill-Perit u jinfurmaw lura lill-Kunsill jekk kenux jaqblu jew le dwar dan. Il-Kunsill ikun jista' jiehu decizjoni fuq ir-risposti li jircievi minghand in-nies. Kien hemm qbil dwar dan;

## 7 MISTOQSIJIET

*7.1* Il-Vici Sindku ssugerixxa li Triq Zammit Clapp issir one-way u cioe` li titla' biss minn Triq ix-Xatt. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u ghalhekk ghandu jintalab il-permess ta' TM.

*7.2* Il-Kunsillier Grech ippropona li ssir tifkira ghall-ex Sindku Sunny Attard. Il-Vici Sindku semma li jkun gest sabih li tissemma triq ghas-Sur Attard. Is-Sindku ghamel riferenza ghal triq gdida li ser tinfetah fi Triq Pietru Xuereb. Kien hemm qbil li ghandha titressaq mozzjoni dwar dan fil-laqgha li jmiss.

*7.3*` Il-Kunsillier Grech ippropona li l-Kunsill jitlob ghall-art ta' hdejn il-PBS sabiex isir progett fuqha. Il-Kunsill unanimament qabel mal-kuncett izda ghandu jkun hemm aktar hsieb qabel titressaq xi forma ta' proposta.

*7.4* Il-Kunsillier Grech qal li fit-tarf ta' Sqaq Nru 3 se jiftah hanut u hemm problema bir-rampa li hemm f'dan l-isqaq minhabba li l-mod kif qeghdha r-rampa, l-ilma se jidhol ghandu. Il-Kunsill se jara x'jista' isir sabiex dan jigi rimedjat.

*7.5* Il-Kunsillier Grech qal li kien iltaqa' mas-Sindku tal-Floriana u kellmu dwar il-konfini, il-parti ta' hdejn il-club tal-bocci ta' Tal-Pieta`. Is-Sindku tal-Floriana talab li l-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` jikteb lill-Kunsill Floriana dwar dan.

*7.6* Il-Kunsillier Grech informa li l-LEDs ta' madwar it-tabella ta' hdejn il-Kappela tad-Duluri kienu mitfija. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jinforma lill-kuntrattur dwar dan.

*7.7* Il-Kunsillier Pisani semma l-izvilupp propost fi Sqaq Zauri. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Kunsill diga ghamel *objection* dwar dan.

## 8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***8.1*** Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 04. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 9. TMIEM

***9.1*** Fis-7.00pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 4 ta' Dicembru, 2024, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Stefano Savo
Sindku